KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1/ 2 / 3 / 4

# MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 16 TAL-10 LEĠISLATURA

# TAL- KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR

Il-Laqgħa ssejħet għal nhar il-Ħamis, 12 ta' Ġunju 2025, fil-17.30, bl-aġenda segwenti:

| | |
|---|---|
| 16.1 | Qari ta' ittri ta' apoloġiji |
| 16.2 | Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa numru 15 *Dok 1* |
| 16.3 | Punti mill-minuti. |
| 16.4 | Komunikazzjoni mis-Sindku |
| 16.5 | Abbozz ta' ftehim mad-Diviżjoni tat-Tindif u Manutenzjoni *Dok 2* |
| 16.6 | Sitwazzjoni tal-ftehim dwar id-Day Centre *Dok 3* |
| 16.7 | Sitwazzjoni dwar il-proġett tal-bini taċ-Ċentru Ċiviku |
| 16.8 | Mozzjoni għal studju dwar il-Kapaċità ta' Tolleranza ta' L-Iżvilupp (*Carrying Capacity) - Dok 4* |
| 16.9 | Sitwazzjoni tal-Parking *Dok 5* |
| 16.10 | PA/03494/25 Burmarrad/Wardija proposed ODZ Development *Dok 6* |
| 16.11 | Klejm |
| 16.12 | Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera *Dok 6* |
| 16.13 | Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta'oġġetti/servizzi |
| 16.14 | Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti *Dok 7* |
| 16.15 | Aġġornament għal-laqgħa li jmiss |

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Ċensu Galea fil-17.30hrs.

**Membri Preżenti**:

| | | | |
|---|---|---|---|
| • Ċensu Galea | *Sindku* | Christopher Vella Petroni | *Viċi Sindku* |
| • Alexander Aguis | *Kunsillier* | Anne Fenech | *Kunsilliera* |
| • Daryl Connor | *Kunsillier* | Rachel Williams | *Kunsilliera* |
| • Alan Bugeja | *Kunsillier* | Joseph M. Attard | *Kunsillier* |
| • Alexandra Smart Costantino | *Kunsilliera* | Mary Borg | *Kunsilliera* |
| • Raymond Tabone | *Kunsillier* | Clevion Micallef | *Kunsillier* |

**16.1 Qari ta' ittri t'apoloġija**

Il-Kunsilliera Sandra Gauci infurmat lill-Kunsill li ma setgħetx tattendi minħabba li kienet barra minn Malta..

**16.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru 15**

Il-minuti ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Il-proposta saret mill-Kunsilliera Alexandra Smart Costantino u ssekondata mill-Kunsillier Raymond Tabone. Il-Kunsill approva.

**16.4 Punti mill-minuti**

Is-Sindku semma li fil-punt 15.3 relatat mal-permessi għall- marċi mill-baned, il-permessi qed jinħarġu tnejn b'tnejn peress li mhuwiex possibbli li jinħarġu kollha f'daqqa. Xi wħud mill-marċi diġà bdew. Fir-rigward tal-kontribuzzjoni li jagħti d-Dipartiment inkwantu tad-Day Centre, il-Kunsill Lokali rċieva korrispondenza u s-Sindku qal li se jidħol fid-dettall aktar tard fil-laqgħa.

Rigward iż-żieda fil-kera tal-uffiċċji tal-Kunsill Lokali, l-avukat kien impenjat b'materji fil-Qorti, iżda se jikkuntattja lill-avukati tal-parti l-oħra sabiex jasal għal risposta.

Fir-rigward ta' żvilupp f'Burmarrad, is-Sindku qal li kien preżenti għas-seduta pubblika, u vvota kontra l-proġett, skont id-deċiżjoni tal-Kunsill, minkejja li l-proposta xorta ġiet approvata b'8 voti favur u 2 kontra. Il-Kunsillier Connor staqsa jekk ġewx mitluba studji, u s-Sindku qal li meta għamel l-punt, wieġbuh li waqt ir-reviżjoni parzjali tal-Pjan Lokali ma kien hemm l-ebda rekwiżit għal dan, iżda kien sar studju fiż-żona tal-Erba' Mwiezeb. Is-Sindku talab għall-fondi tal-"planning gain" għall-titjib fil-lokalita, iżda lanqas dan ma ġie inkluż bħala kundizzjoni. Skont l-awtorità, l-applikant se jkun obbligat jikkontribwixxi 3% għall-finanzjament tax-xoghlijiet tar-roundabout (li għad irid jiġi determinat). Is-Sindku talab ukoll li tingħatalu l-pjanta finali hekk kif tkun lesta.
Is-Sindku semma li l-proposta ta' żvilupp fuq is-sit tas-Cinema giet approvata.

Kien hemm talba għall-għajnuna mill-Kumitat Żgħażagħ Għawrin biex jorganizzaw attività ħdejn l-iskola. Madankollu, saru arranġamenti alternattivi u l-Kunsill ma kienx involut, ħlief għall-ħruġ tal-permess.

Fuq il-kwistjoni tax-xogħlijiet f'Triq it-Turisti, li dwarhom il-Kunsill Lokali ma kellux oġġezzjoni, għaddew ħames ġimgħat u saret laqgħa oħra li għaliha l-Kunsill ma kienx mistieden. Madankollu, għad hemm kwistjonijiet li jridu jiġu ċċarati bejn l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta (MTA) u s-Servizzi tal-Ilma (WSC), u għalhekk is-Sindku bħalissa m'għandux pożizzjoni definittiva x'jikkumunika f'dan l-istadju. Is-Sindku tenna li għamilha ċara ħafna li mhux aċċettabbli li jsiru xogħlijiet fi Pjazza Buġibba u fi Triq it-Turisti fl-istess ħin, peress li dan joħloq problemi kbar ta' ċirkulazzjoni tat-traffiku u jfixkel it-trasport pubbliku. Il-Kunsillier Tabone qal li mill-inqas jista' jsir tiswija (patching) temporanju.

Is-Sindku rrifera għall- MoU mal-Dipartiment tal-Manutenzjoni u Ndafa dwar is-servizz ta' knis fil-lokalità, li wasal għand il Kunsill wara laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Glenn Bedingfield, u li se jkun diskuss aktar 'il quddiem fil-laqgħa.

Rigward ix-xogħlijiet fi Pjazza Buġibba, fuq suġġeriment tal-Kunsilliera Rachel Williams biex tintbagħat ittra, is-Sindku spjega li din l-ittra għadha ma ntbagħtitx peress li kienu qed jistennew żviluppi ġodda.

Rigward il-punt 15.6, wara d-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali, intbagħtet ittra lill-Perit sabiex jibda x-jaħdem fuq il-pjanti u ġiet infurmata wkoll l-Awtorità tal-Ippjanar, iżda bħalissa m'hemmx progress x'wieħed jirrapporta.

Dwar il-punti 15.7 u 15.8, is-Sindku ma kellu xejn x'jżid.

Rigward il-punti 15.9 u 15.10, kien hemm qbil biex jitkompla x-xogħol fuq id-disinn tas-sinjali dwar id-diċenza pubblika u l-istorbju.

Rigward il-punt 15.14, is-Sindku talab il-verifika tal-ispiża relatata ma' waħda mill-lattrini, li mhux se titħallas sakemm isir din il-verifika, li sal-lum għadha ma waslitx.

## 16.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku

L-ewwel punt kien il-preżentazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv Aġent il-ġdid, li diġà ġie diskuss qabel.

Is-Sindku kompla bit-tieni punt ta kommunikazzjoni, li kien jikkonsisti f'sensiela ta' talbiet relatati mal-festa, fosthom dawk li jikkonċernaw l-uffiċjali tal-infurzar, l-użu tal-belvedere għall-attivitajiet (bil-kundizzjoni li ż-żoni jittnaddfu sewwa u li tinżamm responsabbiltà għal kwalunkwe ħsara li tista' sseħħ), l-attività Lejla Pawlina fi Triq il-Paċi, u talbiet għal għajnuna finanzjarja. Dawn it-talbiet kollha ġew approvati unanimament mill-kunsilliera preżenti.

Il-parroċċa tal-Qawra ressqet talba għall-permess tal-Kunsill biex torganizza purċissjoni fil-27 ta' Ġunju f'ġieh il-Qalb ta' Ġesù. Ma ntalbx uffiċjali tal-infurzar għal din l-attività. Liema talba ġiet approvata mill-membri preżenti.

Il-parroċċa qed titlob ukoll il-permessi sabiex tingħalaq it-triq biex ikun jista' jsir iż-żejjen tal-faċċata tal-knisja għall-festa, kif ukoll biex jitneħħew id-dekorazzjonijiet wara permezz ta' crane (fuq jumejn). Din it-talba ġiet approvata mill-membri preżenti.

Is-Sindku semma l-każ relatat ma' Ta' Fra Ben, fejn infurma lill-avukat biex jaġixxi b'mod urġenti u jikkuntattja lill-avukati tal-partijiet involuti fil-każ sabiex l-kwistjoni timxi 'l quddiem. L-avukat assigura lis-Sindku li ser issir laqgħa bil-għan li jiġu solvuti l-kwistjonijiet pendenti. Is-Sindku enfasizza li qal b'mod ċar lill-avukat biex jasal għal deċiżjoni mal-partijiet involuti – kemm jekk jintlaħaq ftehim kif ukoll jekk le – inkella l-Kunsill ikun sfurzat jieħu passi legali, kif diġà kien approvat mill-Kunsill, sabiex dan il-każ jiġi konkluż. Il-Kunsill m'għadux f'pożizzjoni li jistenna aktar għar-riżoluzzjoni ta' dawn il-kwistjonijiet.
Mitlub jagħti sommarju tas -sitwazzjoni, s-Sindku spjega li wara sentenza tal-Qorti, il-Kunsill Lokali preċedent kien ddeċieda b'għaqal li jħallas hu l-ammont dovut kollu mill-fondi tiegħu sabiex jevita l-akkumulazzjoni ta' imgħaxijiet eċċessivi. Dan sar fuq il-fehma ċara li l-Kunsill kellu jirkupra s-sehem proporzjonali mingħand il-partijiet l-oħra involuti.
Minkejja dan il-pass proattiv, il-Kunsill Lokali qed jaffaċċja diffikultajiet kbar biex jiġbor lura l-

fondi. Għalhekk, il-kwistjoni ġiet riferuta lill-avukati rispettivi, bi struzzjonijiet ċari mingħand is-Sindku sabiex tinstab soluzzjoni urġenti. Inkella, il-Kunsill ma jkollu l-ebda triq oħra ħlief li jibda proċeduri legali.

F'dan il-punt, is-Sindku fetaħ id-diskussjoni lill-membri l-oħra, u b'mod partikolari stieden lil Kunsillier Alan Bugeja sabiex jispjega l-isfidi relatati max-xogħlijiet li għaddejjin fi Pjazza Buġibba. Id-diskussjoni kompliet billi ġew enfasizzati d-diffikultajiet kbar li qed jinħolqu meta l-pjazza ewlenija – li hija ċ-ċentru ewlieni tal-divertiment u t-turiżmu fil-lokalità – qed tinbidel f'sit ta' kostruzzjoni matul l-istaġun turistiku ta' nofs is-sajf.
Il-kunsilliera wrew tħassib dwar l-inkonvenjenzi li qed jiġu kkawżati lill-viżitaturi, lir-residenti, u lin-nies li jkunu mixjin minn hemm, kif ukoll lill-komunità tan-negozji lokali, partikolarment minħabba l-istorbju u t-trab. Tqajmu mistoqsijiet għaliex l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) u l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) ħarġu projbizzjoni fuq xogħlijiet ta' twaqqigħ u skavar f'żoni turistiċi magħżula matul il-perjodu tas-sajf (15 ta' Ġunju sal-30 ta' Settembru), kif għamlu fis-snin ta' qabel, iżda dan is-sena eskludew lil Pjazza Buġibba u diversi toroq fil-viċin minn din il-projbizzjoni ġenerali.
Is-Sindku nnota li għalkemm il-Kunsill jista' joġġezzjona għal dawn ix-xogħlijiet, din tibqa' kwistjoni delikata, peress li l-Kunsill għandu wkoll l-interess li l-proġett jitlesta mill-aktar fis possibbli. Minkejja dan, il-kunsilliera enfasizzaw li t-tkomplija tax-xogħlijiet ta' twaqqigħ u skavar matul ix-xhur tas-sajf tkun ta' detriment kemm għall-komunità tan-negozji kif ukoll għar-residenti.
Proposta saret mill-Kunsillier Raymond Tabone u ssekondat mill-Kunsillier Joseph M. Attard sabiex jittieħed vot favur it-tfassil ta' ittra li tgħid li – wara d-diskussjoni – il-Kunsill Lokali ddeċieda li jappella u jirrakkomanda lill-awtoritajiet kompetenti biex jirtiraw l-esklużjonijiet mill-iskeda tat-toroq affettwati, u li x-xogħlijiet ta' twaqqigħ, skavar u ġarr ta materjal fi Pjazza Buġibba u fit-toroq ta' madwarha jitwaqqfu għal perjodu tas-sajf.
Il-Kunsillier Alan Bugeja ħalla l-kamra waqt il-votazzjoni, billi ddikjara kunflitt ta' interess. Il-mozzjoni ġiet approvata unanimament mill-membri l-oħra preżenti.

## 16.5 Abbozz ta' ftehim mad-Diviżjoni tat-Tindif u Manutenzjoni

Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar laqgħa li saret mas-Segretarju Parlamentari Glenn Bedingfield u d-Direttur Ġenerali, u li min-naħa tal-Kunsill attendew is-Sindku, il-Viċi Sindku Chris Vella Petroni, u s-Segretarju Eżekuttiv, is-sur Martin Bugelli. Il-Kunsill irċieva proposta ta' ftehim dwar is-servizz ta' knis fil-lokalità (Memorandum of Understanding – MoU).
Is-Sindku spjega li fil-bidu kienet ġiet imwiegħda għajnuna li ma dehritx li kienet kundizzjonata fuq il-ftehim u l-iffirmar ta' dan il-MoU. Madankollu, kif avvanzaw id-diskussjonijiet fit-tieni laqgħa, deher li din l-għajnuna – f'tagħmir u makkinarju – kienet filfatt marbuta ma tali iffirmar tal-ftehim.

Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill Lokali diġà għandu kuntratt validu ma' kuntrattur privat, li għadu fis-seħħ u li jidher li qatt ma kien hemm avviż ta' nuqqas (default notice) relatat miegħu.
Il-Kunsillier Raymond Tabone insista li fil-fhema tiegħu jkun hemm diskussjoni ta' qbil ġenerali fuq il-MoU. Huwa għadda mill-punti ewlenin tal-MoU, fosthom:

- Il-ftehim ikun għal perjodu ta' 5 snin
- Il-ħinijiet tal-operat matul il-ġimgħa u fi tmiem il-ġimgħa
- Attivitajiet, knis tat-toroq, qtugħ tal-ħaxix f'żoni urbani
- Jitbattlu bins u t-tneħħija ta' skart illegali, inkluż l-ispejjeż assocjati ma rimi

Dawn is-servizzi jkunu taħt ir-responsabbiltà tad-Diviżjoni tal-Manutenzjoni u ndafa. Il-MoU jammonta għal madwar €270,000 fis-sena, b'disponibbiltà ta' 24 ħaddiem tal-knis fit-toroq. Kwalunkwe xogħol ieħor żejjed ikun diskuss u miftiehem bejn il-partijiet, sabiex ir-riżorsi jiġu personalizzati skont il-ħtiġijiet tal-lokalità.

Il-viċi Sindku Chris Vella Petroni qabel mal-punti msemmija mill- Kunsillier Tabone, iżda nnota li s-servizz ma jinkludix is-Sibt filgħaxija u l-Ħadd.

Il-Kunsilliera Rachel Williams semmiet li l-ħinijiet tas-servizz jistgħu jiġu aġġustati skont il-ħtiġijiet tal-lokalita, sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż ta' sahra overtime), peress li dak li jaħdem f'lokalità jista' ma jkunx adattat għal oħra bħal San Pawl il-Baħar. Issemma ukoll li hemm servizzi oħra li jistgħu jiġu diskussi sabiex jingħataw bla ħlas, kif qed jiġri bħalissa.

Is-Sindku, fid-dawl tal-kuntratt validu eżistenti ma' kuntrattur, irrakkomanda li l-MoU jintbagħat għand l-avukat sabiex ikun evalwat il-kontenut tiegħu u jiġu kkunsidrati l-implikazzjonijiet legali ta' qbil fuq il-ftehim. Peress li l-Kunsill Lokali jidher li għandu t-tendenza li japprova l-ftehim, l-avukat ser jiġi kkonsultat sabiex janalizza l-pożizzjoni tal-Kunsill.

Il-kunsilliera kollha qablu mal-proposta.

Il- viċi Sindku Vella Petroni żied ukoll li s-Sindku għandu jispjega s-sitwazzjoni relatata maż-żewġ magni - vacuum cleaners awtomatiċi għall-knis, li ilhom wieqfin/maħżuna għal madwar sena, u li l-prezz tax-xiri tagħhom kien madwar €42,000. Waħda mill-problemi ewlenin hi li l-impjegati attwali tal-Kunsill m'għandhomx taħriġ, kwalifiki u lanqas mandat biex iħaddmuhom, u jidher li ma ġewx ikkonsultati.
Segwiet diskussjoni dwar il-possibbiltà li jsir ftehim mal-kuntrattur attwali tal-knis tat-toroq sabiex jopera dawn il-magni, għalkemm l-użu tagħhom jidher li huwa limitat fil-lokalità.
Sar ukoll suġġeriment li jistgħu jiġu impjegati ħaddiema ġodda sabiex joperaw dan it- tagħmir, iżda matul id-diskussjoni ġie enfasizzat li hemm implikazzjonijiet oħra – fosthom l-ispejjeż relatati mal-manutenzjoni u t-trasport tal-magni fuq is-siti, u li jistgħu potenzjalment joħolqu kunflitti mal-kuntratti attwali.
Intlaħaq qbil li l-kuntrattur attwali tal-knis jiġi kkuntattjat sabiex isiru testijiet fuq l-użu ta' dawn il-magni. Saret ukoll suġġeriment li, jekk ikun fattibbli, ħaddiema ġodda f'xogħol manwali jistgħu jingħataw taħriġ biex joperaw l-ekwipaġġ.

Il-Kunsillier Clevion Micallef ingħaqad fill-laqgħa fis-18:20.
Il-Kunsillier Alan Bugeja talab li jkun skuzat u ħalla l-laqgħa fis-18:30.

## 16.6 Sitwazzjoni tal-ftehim dwar id-Day Centre

Is-Sindku spjega li kien hemm diskussjonijiet bejn l-entitajiet rilevanti, u li l-Kunsill Lokali ma jistax iġorr hu biss l-ispiża kollha tat-trasport – li tammonta għal madwar €40,000 – ħlief għall-kontribuzzjoni tad-Dipartiment ta' €16,000. Wara dawn id-diskussjonijiet, id-Dipartiment aċċetta li jżid il-kontribuzzjoni tiegħu minn €16,000 għal €20,000, pass 'il quddiem iżda li xorta jibqa' mhux ideali.

Il-Kunsillier Raymond Tabone issuġġerixxa li jsir studju (analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji) sabiex tiġi esplorata l-possibbiltà li l-Kunsill Lokali jkollu vannijiet tiegħu (u sewwieq) biex jittrasporta lill-anzjani lejn iċ-Ċentru tal-Anzjani (Day Centre).

Is-Sindku ppreżenta wkoll lista ta' talbiet li d-Dipartiment qed jagħmel fir-rigward taċ-Ċentru Ċiviku li għad irid jinbena.

## 16.7 Sitwazzjoni dwar il-proġett tal-bini taċ-Ċentru Ċiviku

Is-Sindku ppreżenta l-pjanti għall-Ċentru Ċiviku, li ġew iddisinjati mid-Direttorat tal-Inġinerija u x-Xogħlijiet Pubbliċi. Is-Sindku spjega r-raġuni wara l-kostruzzjoni, id-daqs u l-forma tas-sit. Spjega wkoll kif se jiġi mqassam u allokat l-iżvilupp fuq is-sit.

Iċ-Ċentru se jkollu madwar 25 post għall-parkeġġ tal-karozzi, u se jinkludi wkoll shelter bil-lejl (night shelter). Dawn il-pjanti għadhom mhux finali, iżda se jservu bħala punt ta' diskussjoni.

Il-Kunsillier Tabone staqsa dwar l-ispiża stmata tal-proġett kif ukoll l-użu tan-nies (footfall). Is-Sindku spjega li, għalkemm l-ispiża totali tal-proġett għadha ma ġietx stmata, il-binja se tinkludi librerija, Community Pulizija, ċentru tas-saħħa u shelter ta' bil-lejl.

Segwiet diskussjoni dwar l-ispejjeż, iżda s-Sindku enfasizza li, minkejja d-dibattitu, għamel enfasi ċara li l-Kunsill Lokali ilu impenjat biex jimxi 'l quddiem bl-iżvilupp taċ-Ċentru Ċiviku.

## 16.8 Mozzjoni għal studju dwar il-Kapaċità ta' Tolleranza ta' L-Iżvilupp (Carrying Capacity) –

Is-Sindku ppreżenta mozzjoni li kienet inizzjata mill-Partit Nazzjonalista (indirizzata lill-kunsilli lokali kollha), rigward studju dwar il-Kapaċità ta' Tolleranza għall-Iżvilupp (Carrying Capacity), bl-għan li jiġu identifikati l-bżonnijiet ta' kull lokalità u biex tkun tista' tiġi evalwata s-sitwazzjoni ta' kull waħda minnhom. Il-mozzjoni kienet qed titlob lill-Gvern sabiex iwettaq dawn l-istudji f'kull lokalità.

Il-Kunsillier Raymond Tabone semma li studji bħal dawn diġà jsiru minn entitajiet governattivi individwali, bħal dawk li jimplimentaw titjib fis-servizzi tal-elettriku u servizzi oħra.

Ma kienx hemm ftehim unanimu, iżda ma ġewx ssuġġeriti emendi. Il-mozzjoni ġiet approvata b'vot ta' 7 favur u 4 astensjonijiet.

### 16.9 Kulleġ Maria Regina – Skola Primarja Qawra – Parkeġġ

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, wara l-aħħar laqgħa tal-Kunsill, bagħat ittra lill-Kunsill Lokali fejn ġie kkomunikat li l-Kunsill ma jistax jitlob l-ebda tariffa għall-użu tal-parkeġġ li jinsab taħt l-iskola, wara ftehim li kien sar fl-2022 bejn l-iskola u l-Kunsill biex dan tal-aħħar jamministra l-parkeġġ.

Is-Sindku spjega li l-Kunsill Lokali kien ippropona abbozz ta' bye-law sabiex jiġu stabbiliti tariffi skedati għall-użu tal-parkeġġ. Huwa żied jgħid li kien hemm sejħa għall-offerti (tender) għall-amministrazzjoni tal-parkeġġ, li tinkludi l-involviment ta' żewġ membri mill-istaff tal-Kunsill kif ukoll kuntrattur privat. L-ispiża ta' dan l-arranġament ta' ġestjoni, eskluża manutenzjoni u kontijiet ta' dawl u ilma, tammonta għal madwar €100,000 fis-sena.

L-abbozz tal-bye law imressaq mill-Kunsill Lokali għadu ma rċieva l-ebda feedback mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali. Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali ma jistax jiflaħ jħallas madwar €100,000 fis-sena mingħajr il-possibbiltà li jirkupra parti mill-ispejjeż. Meta sar il-ftehim oriġinali, l-intenzjoni kienet li l-użu tal-parkeġġ ikun mingħajr ħlas temporanjament, sakemm jiġi stabbilit qafas ta' ġestjoni formali.

Intqal ukoll li l-idea li l-Kunsill Lokali jista' jgawdi xi profitt finanzjarju hija żbaljata, iżda bħala awtorità pubblika għandu d-dmir li jiżgura li l-fondi pubbliċi jintefqu b'mod responsabbli u li l-operat tiegħu jkun sostenibbli u vijabbli fit-tul.

Intlaħaq qbil li l-ftehim relatat mal-parkeġġ jiġi riferut għand l-avukat sabiex jeżamina l-kriterji u l-klawsoli tiegħu, u jindirizza l-possibbiltà li jiġi ċċarġjat tariffa nominali sabiex titnaqqas il-piż finanzjarju li dan il-parkeġġ qed jikkawża fuq il-finanzi tal-Kunsill Lokali.

### 16.10 PA/03494/25 Burmarrad/Wardija proposed ODZ Development

Minħabba l-iskala u n-natura tal-iżvilupp propost PA/03494/25 f'Burmarrad/Wardija, li jinsab barra miż-żona tal-iżvilupp (ODZ), il-Kunsill Lokali se jippreżenta oġġezzjoni aktar dettaljata permezz tal-Perit tiegħu. Il-Kunsill Lokali diġà oġġezzjona għal din il-proposta, li fl-opinjoni tiegħu ma taqbilx mal-iskala, l-għoli u lanqas mad-densità tal-iżvilupp eżistenti. Il-kunsilliera kollha qablu mal-proposta.

Is-Sindku ħeġġeġ lill-Kunsilliera Lokali sabiex jagħtu l-feedback tagħhom fuq il-lista tal-iżviluppi mressqa quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar, li qed tiġi ċċirkolata, b'mod regolari kif tasal.

### 16.11 Klejm /Claim

Il- Kunsillier, Il-Kunsillier Alexander Agius, spjega d-dettalji tal-klejm (Wheel repair), u nnota żball żgħir fil-kalkolu tal-ammont minħabba li fattura addizzjonali ma kinitx inkluża (Total ta' fatturi ta' €160). Il-membri kollha qablu li jsir l-aġġustament meħtieġ u jitħallas l-ammont korrett.

### 16.12 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

Il-Kunsillier Joseph M. Attard bagħat mistoqsija bil-miktub biex jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar is-sitwazzjoni tas-sigurtà fil-bypass magħruf ta' San Pawl, fejn fi żmien inqas minn sitt

xhur seħħew żewġ fatalitajiet. Huwa ddeskriva x-xena tal-aħħar inċident bħala waħda li tfakkar f'żona ta' gwerra jew f'sett ta' film tal-biża'.

Il-Kunsillier Attard insista li l-Kunsill għandu jirreaġixxi b'mod konkret u jħeġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti – jiġifieri Transport Malta u Infrastructure Malta – sabiex jitwettaq studju dwar is-sigurtà f'din it-triq bil-għan li tittieħed azzjoni sabiex din tissaħħaħ.

Intlaħaq qbil li tintbagħat ittra lill-awtoritajiet kompetenti dwar is-suġġett.

Is-Sindku qara risposta għall-ittra li tikkonferma li l-Kunsill jaqbel mal-kontenut tal-mistoqsija u s-suġġeriment, u qed jipproponi li japprova l-passi meħtieġa. Huwa semma wkoll li l-ħofra fit-triq imsemmija diġà ġiet issewwija fil-frattemp.

Saret mistoqsija oħra mill-Kunsillier Joseph M. Attard, wara l-parteċipazzjoni tiegħu fl-attività tal-logħob organizzata mill-FSWS, dwar il-possibbiltà li jinxtraw tagħmir u infrastruttura bl-għan li jiġbdu aktar żgħażagħ.

Is-Sindku wieġeb li jemmen li dan għandu jkun parti minn pjan komprensiv, u li se jikkuntattja lill-FSWS sabiex jiddiskuti l-bżonnijiet, u f'fażi aktar tard jippreżenta kwalunkwe talba għall-approvazzjoni formali permezz ta' votazzjoni.

Is-Sindku qara wkoll talba minn kuntrattur privat li qed jitlob ħlas għal xogħlijiet li saru fil-passat, relatati ma' xogħlijiet fit-toroq, li jammontaw għal madwar €61,000. Is-Sindku spjega li x-xogħlijiet saru, u ġew ikkonfermati.

Waqt li ra l-minuti tal-laqgħa tat-25 t'April 2024, is-Sindku induna li fil-Punt 77.4, il-Kunsill Lokali kien iddiskuta u approva sensiela ta' pagamenti (15) lil Road Services Ltd. F'dawk il-minuti, kien evidenzjat bl-isfar l-ammont ta' €45,223.71 + VAT, filwaqt li l-pagamenti li ma kinux evidenzjati kellhom jitnaqqsu skont default notices maħruġ mill-Kunsill.

Is-Sindku talab lill-impjegati tal-Kunsill sabiex ifittxu kwalunkwe avviż ta' nuqqas, iżda dawn ma nstabux. Il-kuntrattur indika wkoll li kien lest li jitnaqqas 15% mill-pagament ta dawn xogħlijiet li saru. Fid-dawl ta' dan kollu, is-Sindku issuġġerixxa li l-każ jiġi riferut għall-parir legali.

### 16.13 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta'oġġetti/servizzi

Ma kienx hemm

### 16.14 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti

Is-Sindku nnota li Item PV520 kien fih xi żball ta' ammont, li se jiġi kkoreġut. Il-membri kollha qablu ma' din il-korrezzjoni.

Is-Sindku issuġġerixxa li l-ħlas relatat mal-ġnien pubbliku fi Triq Cassarino (Item PV500) jkollu tnaqqis ta' 15%, kif kien sar fil-passat fir-rigward ta' kwistjonijiet pendenti li kkawżaw dewmien fix-xogħlijiet.

L-iskeda tal-ħlasijiet ġiet approvata. Il-mozzjoni biex jiġu approvati ġiet proposta mill-Kunsilliera Rachel Williams u ssekondata mill-Kunsilliera Anne Marie Fenech.

**16.15 Aġġornament għal-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fit-19.50 u aġġornat għal nhar Ħamis 10 ta' Lulju 2025.

| | |
|---|---|
| **Agent Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |
| **Bjorn Bonello** | **Ċensu Galea** |